TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Ernest Theuma**

**vs**

**Solar Engineering Limited**

CCT 70/23/CC

Illum 8 ta' Ottubru, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba ta' l-attur ipprezentata fis-27 ta' April 2023, fejn talab hlas ta' l-ammont ta' €1,600 (elf u sitt mitt ewro) rapprezentanti ammont ghal 'inverter' li ma baqax jiffunzjona fis-sistema tal-pannelli fotovoltaici, mixtrija mill-attur minghand is-socjeta intimata.

Ra li s-socjeta intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezenta risposta relattiva, fejn preliminarjament, ressqet eccezzjoni ta' natura preliminari, senjatament l-eccezzjoni tal-*privilegium fori.* Inoltre, avvanzat eccezzjoni ulterjuri rigward ill-mertu.

Inoltre, jirrizulta li fis-seduta skedata ghal provi ta' l-attur, huwa rriduca l-ammont tat- talba, b'dan li l-attur talab l-ammont ta' €1,400 (elf u erba' mitt ewro), liema ammont jirraprezenta l-ammont ekwivalenti ghal hlas ta' l- 'inverter'.

Illi mill-provi jirrizulta li fis-27 ta' Marzu 2014, l-attur xtara sistema ta' pannelli fotovoltaici minghand is-socjeta intimata, liema pannelli kienu koperti b'garanzija ta' ghaxar snin. Illi jirrizulta li l-attur sa Dicembru 2022, talab lis-socjeta intimata zewg interventi, u s-socjeta intimata baghtet ir-rapprezentant taghha fuq is-sit ta' l-attur.

Illi da parti taghha s-socjeta intimata tirrimarka li kundizzjoni tal-garanzija fuq is-sistema tal-pannelli fotovoltaici kienet li l-attur jezegwixxi il-manutenzjoni regolari, liema manutenzjoni l-attur irrifjuta li jaghmel. Illi gara li f'Dicembru 2022 is-sistema tal-pannelli fotovoltaici ma baqghetx tahdem tajjeb, u meta t-tekniku mibghut mis-socjeta intimata ecceda fuq il-post, irrizulta li l-'inverter' ma kienx qieghed jiffunzjona tajjeb.

Ra li l-partijiet ipprezentaw xhieda li ddeponew *viva voce* u fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2024 entrambi l-partijiet iddikjaraw li kkonkludew il-provi taghhom, u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra;

Illi preliminarjament, dan it-Tribunal ser jaghddi sabiex jittratta l-eccezzjoni preliminari tal-*privilegium fori*, avvanzata mis-socjeta intimata. Effettivament, jirrizulta li s-socjeta intimata hija registrata fl-indirizz 'Ecopoint', Triq Gorg Borg Olivier, ir-Rabat, Ghawdex. L-attur xtara s-sistema tal-pannelli fotovoltaici mill-edificju tas-socjeta intimata li huwa fl-indirizz 'Zircon Suites', Triq ta' Zejfa, il-Mosta.

Illi jirrizulta li l-azzjoni odjerna tirrigwarda bejgh ta' sistema ta' pannelli fotovoltaici naxxenti minn obbligu assunt mis-socjeta intimata ma' l-attur, li r-residenza tieghu tinsab Malta. Ghaldaqstant, it-Tribunal jaghmel referenza ghal Artikolu 770 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula:

*Il-privilegium fori jispiċċa wkoll, fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skont il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi Gżira partikolari.*

Ghaldaqstant, in vista tal-Artikolu hawn citat, l-eccezzjoni tal-*privilegium fori* qieghda tigi respinta.

Ikkunsidra;

Illi rigward il-mertu, jirrizulta li l-kontestazzjoni principali rigward il-vertenza bejn il-partijiet, hija li l-attur ma ezegwiex manutenzjoni regolari, hekk kif stipulat fil-garanzija li tkopri s-sistema tal-pannelli fotovoltaici.

Illi minn analizi tal-provi prodotti fl-atti ta' dawn il-proceduri, jirrizulta li l-attur *ex admissis* jikkonferma li huwa qatt ma ezegwixxa manutenzjoni fuq is-sistema tal-pannelli fotovoltaici. Fil-fatt dan jirrizulta mix-xhieda ta' l-attur stess, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2024, li jikkonferma li l-ebda manutenzjoni ma saret fuq is-sistema tal-pannelli fotovoltaici bejn Marzu tas-sena 2014, sa Dicembru tas-sena 2022.

Illi t-Tribunal jinnota li l-manutenzjoni tas-sistema tal-pannelli fotovoltaici hija kundizzjoni sabiex il-garanzija ta' ghaxar snin tibqa' valida, u din il-kundizzjoni ma gietx osservata mill-attur. Illi jirrizulta li l-komponenti tas-sistema tal-pannelli fotovoltaici huma esposti ghal elementi, u tali manutenzjoni hija necessarja ghal

funzjonament tajjeb ta' tali sistema. Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta intimata ma tistax tigi kkunsidrata responsabbli ghal nuqqas ta' tharis ta' kundizzjonijiet tal-garanzija.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-Talba avvanzata mir-rikorrenti.

Entrambi l-partijiet ghandhom ihallsu l-ispejjez taghhom.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru